# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

### Seduta ta' nhar L-Erbgha 14 ta' Dicembru 2016

**Rikors Numru. 1024/2016JPG**

**Kawza Numru: 21**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1599/16 fl-ismijiet**

**Property F Limited**

**vs**

**F. Media Operations Limited (C45411) u b'digriet tal-14 ta' Dicembru 2016 trid tinqara:**

**F. Media (Operators) Limited (C45411)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Karl Bonaci (K.I. 194571M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' intimata F. Media (Operators) Limited datat 9 ta' Novembru, 2016 li jaqra hekk:

*"Illi permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onor. Qorti fit-3 ta' Novembru 2016 ġie ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq talba tas-soċjeta' rikorrenti Property F. Limited kontra s-soċjeta' intimata għas-somma ta' tlieta u erbgħin elf, tmien mija, ħamsa u sebgħin ewro (€43,875);*

*Illi l-ammont pretiż mir-rikorrenti mhuwiex dovut;*

*Illi kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjeta' rikorenti, hija s-soċjeta' esponenti li għandha tieħu flus mingħand l-istess soċjeta' rikorrenti rappreżentanti servizzi reżi mis-soċjeta esponenti hekk kif provdut fil-kuntratt li sar bejn il-partijiet (kopja annessa – **Dok A**);*

*Illi r-rikors tas-soċjeta' rikorrenti sar bi skop malizjuż, frivolu u vessatorju u kien intiż biss biex joħloq diffikultajiet lis-soċjeta' intimata fin-negozju tagħha;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost il-garanzija li joffri l-mandat ta' sekwestru qiegħda hemm sabiex tikkawtela d-drittijiet ta' kreditur meta d-debitur tiegħu ma jkunx solvibbli fiż-żmien l-eżekuzzjoni tas-sentenza u f'dan il-każ, l-istat tas-soċjeta' esponenti ma huwiex tali li jiġġustifika jew jagħti raġun lis-sekwestrant jaħseb li s-soċjeta' esponenti ma tkunx solvibbli fiż-żmien tal-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq il-pretensjonijiet rikorrenti;*

*Illi għalhekk l-esponenti umilment jissottometti li mgħandux jibqa' fis-seħħ dan il-mandat u għalhekk qiegħed jagħmel talba ai termini tal-Artikolu 836 tal kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, speċjalment fid-dawl tad-danni li huwa qiegħed isofri minħabba l-infurzar tal-mandat ta' sekwestru.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onor. Qorti jogħġobha:*

1. *Tħassar u tirrevoka l-mandat kawtelatorju ai termini ta l-artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f);*

2. *Tordna lis-soċjeta' rikorrenti tħallas pernali fis-somma ta' mhux inqas minn €1164.69 u mhux aktar minn €6,988.12 favur r-rikorrenti ai termini ta' Artikolu 836(8)(c) u (d);*

3. *Tiddikjara lis-soċjeta' rikorrenti responsabbli għad-danni li sofriet is-soċjeta' intimata;*

4. *Tillikwida d-danni hekk sofferti;*

5. *Tikkundana lis-soċjeta' rikorrenti tħallas lis-soċjeta' intimata d-danni li jiġu hekk likwidati;*

*Bl-ispejjez kontra l-istess soċjeta' rikorrenti."*

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Novembru, 2016 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-25 ta' Novembru, 2016;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tas-socjeta' kreditrici Property F Limited ghar-rikors datat 9 ta' Novembru 2016 li jaqra hekk:

"*Illi fl-ewwel lok u qabel xejn jigi rilevat illi t-talbiet dedotti fir-rikors fl-ismijiet premessi ghandhom jigu lkoll respinti peress illi l-mandat in kwistjoni gie ntavolat kontra s-socjeta' F Media (Operators) Limited u mhux kontra l-odjerna socjeta' rikorrenti F Media Operations Limited;*

*Illi minnghajr pregudizzju ghal premess pero', jigi rilevat li s-socjeta' Property F. Limited kellha kull dritt tipprezenta l-precitat mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta' F. Media (Operators) Limited halli tipprova tissalvagwardja l-pretenzjoni kreditrici taghha kif spjegat fl-ittra ufficcjali datata 3 ta' Novembru, 2016;*

*Illi tali pretenzjoni sejra tkun il-meritu ta rikors guramentat li sejjer jigi prezentat entro t-terminu stipulat fil-ligi;*

*Illi tali ittra ufficjali u mandat gew ipprezentati wara li s-socjeta' ntimata baqghet injorat zewg ittri legali precedenti datati 3 ta' ottubru u 18 ta' Ottubru 2016;*

*Illi kif gja spjegat l-ammont pretiz jirraprezenta ammont ekwivalenti ta flus imhallsa mis-socjeta' kreditrici lis-socjeta' intimat in kontemplazzjoni ta' negozju progettat bejniethom liema negozju qatt ma mmaterjalizza, qatt ma gie konkluz formalment u s-servizzi li kienu mahsuba li kellhom jigu attwati mis-socjeta' ntimata qatt ma gew rezi;*

*Illi l-ftehim anness mar-rikors promotur kien semplici abbozz li qatt ma mmaterjalizza w kwindi mhux enforzabbli, tant illi qatt ma nghata data u kien qed jigi negozjat ma Vincent Baldacchino f'isem id-ditta (mhux socjeta') Owners Best u mhux f'isem is-socjeta' property F Limited;*

*Illi in vista tal-premess ghalhekk, il-flus mghoddija lis-socjeta' ntimata mis-socjeta' Property F Limited gew imhallsa ndebitament u ghalhekk is-socjeta' kreditrici tippretendi li dawn ghandhom jigu rifuzi lura lilha;*

*Illi ghalhekk il-hrug tal-precitat mandat huwa gustifikat u necessarju ghal pretenzjoni kreditrici tas-socjeta' Property F Limited u kwindi ghandu jibqa' in vigore.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' Property F Limited titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tichad it-talbiet kollha kif dedotti mis-socjeta' F Media Operations Limited fir-rikors promotur taghhom fuq citat.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' F media Operations Limited."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Dicembru 2016 ghal korrezzjoni mitluba;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Karl Bonaci** xehed a fol 34 – 39 illi huwa direttur tas-socjeta F. Media Operators Ltd illi kien hu li hajjar lil Baldacchino biex jiftah stazzjoni televiziv, izda Melita Corporations ma kienux accettaw li jifhu stazzjoni gdid. Huwa kien sar jaf li kien hemm stazzjoni bl-isem ta' Yes Lifestyle fuq il-Melita li ma kienx sejjer tajjeb u kien ser jaghlaq u ghalhekk kien laqqghu lil Baldacchino ma' tal-Melita u kien sar ftehim bejniethom permezz ta' liema Baldacchino kien akkwista dan l-istazzjoni. Qal li mbaghad huma kienu qed jaghmlu l-laqghat ma' Baldacchino u l-idea kienet illi l-istazzjoni jibda jixxandar mill-ewwel ta' Jannar 2015. Kompla li l-ftehim esebit kien gie mpoggi fil-prattika. Ikkonferma illi s-socjeta sekwestranti kienet ghamlet xi hlasijiet izda ma kienx f'posizzjoni li jghid xi hlasijiet saru. Qal illi fl-ewwel ta' Jannar bdew ixandru l-istazzjon u t-trasmissjoni baqghat ghaddejja. Zied pero illi dak li xxandar ma kienx dak li hemm esebit fl-iskeda, izda dak li kien jixxandar mill-istazzjoni qabel ma akkwistah Baldacchino ghaliex il-ftehim kien illi l-ewwel ftit xhur jibqu ghaddejin fl-istess trasmissjoni. Qal illi huwa qatt ma gie informat li Baldacchino ried iwaqqaf il-ftehim u ghalhekk kienet sorpriza kbira ghalih meta kien ra materjal fuq F Lifestyle li ma kienx hiereg minghandu.

**In kontro-ezami** a fol 39 – 44 xehed illi l-iskrittura li huwa prezenta flimkien mar-rikors ghar-revoka m'ghandiex il-gurnata ta' meta sar il-ftehim. Huwa qabel illi l-pagamenti dejjem saru mis-socjeta sekwestranta. Xehed ukoll illi huwa rcieva l-ittri tat-3 u t-18 ta' Ottubru 2016, u kkonferma li hu ma kienx irrisponda dawn l-ittri. Qal illi l-iskop tal-laqgha tat-13 ta' Settembru 2016 kien iktar biex huwa jiskopri ghaliex Baldacchino kien waqaf it-trasmissjoni minghandu.

**Vince Baldacchino** xehed a fol 21 – 25 illi l-iskrittura datata Settembru 2014 kienet giet pprezentata lilu ezatt kif inhi, u huwa iffirmaha minghajr ma qraha jew iddiskuta l-kontenut. Huwa iffirma ghalih innfisu ghal Owners Best li m'hijiex kumpanija izda biss *brand name*. Spjega li l-hsieb ta' din il-ftehim kien illi s-socjeta sekwestrata jaghtuha s-servizzi msemmija fil-ftehim, li kienu jinludu li jgibulu stazzjon tat-television. Kompla illi ghalkemm dan il-ftehim qatt ma rrealizza, is-socjeta sekwestranti kienet lahqet hallset lis-socjeta sekwestrata s-somma ta' circa €46,000. Zied illi kull ma kien sar kien *filming* ta' proprjeta wahda u mill-ewwel ma kienx ghogbu u kien talabhom biex jieqfu, u eventwalment kien iffirma ftehim ma hadd iehor. Kompla li f'Settembru kienet saret laqgha mas-socjeta sekwestrata peress illi huwa ghandu relazzjoni tajba hafna maghha ghaliex dejjem ihallas b'numru ta' snin il-quddiem, izda kellu jiftah il-kawza galadarba hu kien lahaq hallas ghal servizz li ma giex rez lilu. Qal lli huwa qed ixxandar mill-istazzjoni Yes Lifestyle, li kien xtrah b'riskju, u waqt li hu kien ta kontenut biex jibda jixxandar minn Jannar, hafna hin dak li kien qed jixxandar ma kienx kontenut tieghu.

**In kontro-ezami** a fol 26 – 30 xehed illi huwa ghandu ftehim iehor separat mas-socjeta sekwestrata li ghadu qed jopera, izda dan sar permezz ta' socjeta differenti. Huwa kkonferma illi l-hlas mertu ta' dawn il-proceduri kien sar bil-quddiem. Qal illi s-servizz kien biex jigi trasmess minn Jannar  sa April 2015 fuq il-Melita, izda minn dak iz-zmien 'l hawn qaleb l-istazzjoni u ghamel arrangamenti godda mal-Melita. Qal lli l-kanal kien u ghadu sall-llum il-gurnata numru 112. Ikkonferma fuq domanda tal-Qorti li huwa kien avza lis-socjeta sekwetrata li kien ser jieqaf mill-ftehim, u dan permezz ta' ittra ufficjali.

**Ikkonsidrat;**

It-talba odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1599/16 ai termini tal-artikolu 836 (1) (d) u 836 (1) (f), kif ukoll hlas ta' penali ai termini tal-Artikou 836 (8) (c) u (d).

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikat, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar  Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u***

> ***dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)"***

Vide ukoll **(**"**Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" **–**tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, is-socjeta sekwestranta ecceppiet illi t-talbiet tas-socjeta sekwestrata ghandhom jigu respinti u dan stante illi l-mandat in kwistjoni gie intavolat kontra s-socjeta F. Media (Operators) Limited u mhux kontra F. Media Operations Limited kif hemm indikat fir-rikors tas-socjeta sekwestrata.

Il-Qorti tqis illi fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana kontra l-formalizmu eccessiv, din l-eccezzjoni hija nfondata. Jirrizulta illi ghalkemm kien hemm zball tal-pinna fl-isem tas-socjeta sekwestranti, in-numru tar-registrazzjoni tal-istess socjeta gie citata tajjeb, u ghalhekk m'hemmx xi zball fl-identita tal-parti li tista' tirreka pregudizzju irrimedjabli lis-socjeta sekwestranti fid-difiza tad-drittijiet taghha. Kien ghal dawn ir-ragunijiet illi l-Qorti laghqat it-talba ghal-korrezzjoni.

Ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Illi l-**Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** jipprovdi li :

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> (a) ***Sa (c) Omisses***
>
> ***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv***
>
> ***(e) omissis***
>
> ***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Mill-provi prodotti jirrizulta prima facie illi s-socjeta sekwestranta kienet hallset lis-socjeta sekwestrata s-somma ta' €43,875. Ma giex ikkontestat mis-socjeta sekwestrata illi s-socjeta sekwestranti kienet filfatt hallset dan l-ammont, ghalkemm Bonaci ma setghax jiftakar effettivament kemm hallset ezatt. Il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni huwa ghal kawtela tal-ammont ta' €43,875. Minkejja li Karl Bonaci ghas-socjeta F. Media (Operators) Limited jidher ghalmenu sal-grad tal-prima facie li ezegwixxa l-obbligi kardinali tal-kuntratt bejn il-kontendenti (vide klawzoli 10 u 11 tal- kuntratt Dok A), dawn l-obbligi ma gewx

espressament kwantifikati fl-istess kuntratt. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax ssib illi prima facie l-ammont huwa eccessiv jew mhux gustifikat.

Fir-rigward tal-paragrafu f tas-subinciz 1 tal-artikolu 836, il-Qorti tirrileva illi Bonaci *ex admissis* qal illi ghalkemm ix-xandir kien filfatt beda f'Jannar skont il-ftehim, dak li kien qed jixxandar ma kienx il-kontenut mitlub minn Baldacchino, izda l-kontenut li kien diga qed jixxandar fuq l-istess stazzjoni qabel ma gie akkwistat minn Baldacchino. Baldacchino jghid illi dan kien kontra dak li ftehmu, filwaqt li Bonaci jghid illi l-partijiet kien ftehmu li jsir hekk ghal ewwel ftit xhur. Il-Qorti tqis illi ezatt x'kien il-ftehim ta' bejn il-partijiet hija kwistjoni rimessa ghal-gudizzju tal-Qorti li trid tiddeciedi fuq il-mertu tal-kawza, u mhux ghal din il-Qorti li trid taghmel biss ezami prima facie biex tara jekk hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex dan il-mandat jibqa' fis-sehh. Il-Qorti hija tal-fehma illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' Bonaci illi l-kontenut li xxandar ma kienx ta' Baldacchino, u in vista tal-fatt illi ma giex ikkontestat illi s-socjeta sekwestranta kienet diga affetwat hlas, m'hemmx ragunijiet valida sabiex dan il-mandat ta' sekwestru jigi revokat, u dan minkejja li jidher ghalmenu fuq bazi ta' prima facie li l-obbligi kardinali tal-kuntratt gew ezegwiti permezz tal-ksib tal-istazzjon televiziv 112.

Ghalhekk l-ewwel talba qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tat-tieni talba tas-socjeta sekwestrata, il-Qorti tqis illi galadarba jirrizulta *prima facie* illi hemm ragunijiet validi u sufficjenti ghal hrug tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, m'hemmx lok ghal hlas ta' penali minn naha tas-socjeta sekwestranti. L-istess ragunament jghodd ghal bqija tat-talbiet tas-socjeta sekwestrata rigward ordni ghal hlas ta' danni. Inoltre ma ngabu ebda prova tad-danni allegatament sofferti mis-socjeta sekwestrata minhabba il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u ghalhekk zgur illi dawn il-talbiet ma jistgux jigu miqlugha.

Ghalhekk il-bqija tat-talbiet qieghdin ukoll jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta sekwestranta, tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tas-socjeta sekwestranta u tichad it-talbiet kollha tas-socjeta sekwestrata.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta sekwestrata.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**